TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

CCT/10/25/S

Lino J. Pollacco

Vs

J. Properties Ltd

Illum 16 t'April,2025.

It-Tribunal,

Ra t-talba ippreżentata minn Lino J. Pollacco fit-22 ta' Novembru, 2024, filwaqt li s-soċjeta' J. Properties Ltd għalkemm debitament notifikata baqgħet la ppreżentat risposta u lanqas deher xi rappreżentant tagħha quddiem dan it-Tribunal.

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lir-rikorrenti u x-xhud tiegħu kif ukoll it-trattazzjoni magħmula fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2025.

Ikkunsidra,

Illi fi ftit kliem, din il-pendenza tirrigwarda allegat nuqqas daparti tas-soċjeta' intimata li ma onoratx xi obbligi skont ftehim milħuq mar-rikorrenti fir-rigward ta' manteniment ta' *lift*.

Illi jingħad mill-ewwel li s-soċjeta' J. Properties Ltd naqset milli twieġeb għat-talba tar-rikorrenti u lanqas deher xi rappreżentant tagħha għas-seduta li saret.

Illi t-Tribunal għandu quddiemu verżjoni waħda u cioe' dik tar-rikorrenti li ma ġietx kontradetta bl-ebda mod mis-soċjeta' intimata.

Illi n-nuqqas ta' dehera tas-soċjeta' intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m' għandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu ġustifikat.

Illi r-rikorrenti spjega ir-raġuni għat-talba mitluba u ppreżenta id-dokumentazzjoni relattiva kif ukoll ressaq xhud li ikkonferma dak li ingħad mir-rikorrenti.

Illi min-naħa l-oħra s-soċjeta' intimata ma deheritx biex titfa' dawl fuq din it-talba tar-rikorrenti u lanqas biex rappreżentant tagħha jagħti l-verżjoni tiegħu.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u ċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' it-talba tar-rikorrenti Lino Pollacco u Jordna lis-soċjeta' J. Properties Ltd tħallas lir-rikorrenti Lino J. Pollacco is-somma ta' €560.50 bl-interessi jgħoddu mid-data tal-lum sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż kollha ta' dawn il-proċeduri jitħallsu unikament mis-soċjeta' J.Properties Ltd.

Richard Sladden Av.
Arbitru